MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 342/2007

**Talba Nru: 342/07PBC**

**John Mary Cini (ID Nru. 730855M)**

**Vs**

**Carmelo Cini**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ disa’ mija w erbgha u disghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm994.70c) u dan

rapprezentanti imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena skond l-Artikolu 1047 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fuq kapital ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) ghaz-zmien ta' bejn it-28 ta' Mejju, 2004 u l-21 ta' Novembru, 2006 meta in forza ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju 1056/2004 li l-konvenut ipprezenta kontra l-attur fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-27 ta' Mejju, 2005 (liema Mandat kien akkordat fit-28 ta' Mejju, 2004) l-attur kien privat mill-uzu tal-kapital ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) li kienu jappartjenu lilu u li kien kolpit mill-Mandat f'idejn sekwestratarju.

Dan il-kapital kien iddepozitat taht l-Awtorita' tal-Qorti mis-sekwestratarju permezz ta' Cedola numru 983/2004. Il-kawza li pprezenta l-konvenut kontra l-attur fl-ismijiet Carmelo Cini Vs John Cini (Avviz 606/2003DM) u li zammet il-Mandat fis-sehh kienet deciza kontra l-konvenut mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Marzu, 2006. Wara li l-konvenut ipprezenta l-Kontro-Mandat opportun, segwit minn proceduri ta' zbank, il-kapital iddepozitat thallas lura lill-attur, imnaqqas mill-ispejjez tac-Cedola ta' Depozitu fil-21 ta' Novembru, 2006. Inoltre l-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-Ittra Ufficjali tal-11 ta' Dicembru, 2006 u imghax ulterjuri b'effett mill-11 ta' Dicembru, 2006 sad-data ta' pagament effettiv.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi:

1. Preliminarjament l-allegazzjonijiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 1056/2004 kien segwit minn kawza citazzjoni numru 606/03 fl-ismijiet Carmelo Cini Vs John Cini.

3. Illi skond il-principju "*qui su juri utitur neminem laedere vedetur*" l-esponenti ma jistax ikun responsabbli ghal xi danni meta huwa agixxa entro d-drittijiet koncessi lilu bil-ligi u dan skond l-Artikolu 1030 tal-Kodici Civili.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur kellu rimedji ohrajn illi seta’ jipprevalixxi ruhu minnhom meta nhareg il-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju kontra tieghu, izda dan ma sehhx.

5. Illi azzjoni ghal danni wara hrug ta’ Mandat kawtelatorju tista’ tigi proposta biss abbazi ta’ l-Artikolu 836 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghalhekk din l-azzjoni hija rrita u nulla.

6. Illi oltre tutto skond l-Artikolu 850 (1) tal-Kapitolu 12, Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju jdum fis-sehh ghal sena biss minn meta jinhareg u dan jiggedded biss fuq Rikors tal-parti li tkun talbet li jinhareg dak il-Mandat, liema Rikors qatt ma sar mir-rikorrenti.

7. Illi minghajr pregudizzju ghal dan kollu suespost l-esponenti qatt ma kien infurmat li dan il-kapital gie ddepozitat taht l-Awtorita’ tal-Qorti, kif titlob il-ligi skond l-Artikolu 943 (2) tal-Kapitolu 12.

8. Illi l-attur f’dawn il-proceduri huwa iben l-esponenti u li dawn il-proceduri qeghdin isiru biss sabiex jinkwetaw lill-esponenti u li ghalhekk l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandu jbatihom esklussivament l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ x-xhieda ta’ John Mary Cini.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra li l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghal-lum u li ma gie pprezentat l-ebda Rikors li permezz tieghu ntalab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi permezz ta’ Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju 1056/04 fl-ismijiet Carmelo Cini

Vs John Cini akkordat fit-28 ta’ Mejju, 2004 inhareg Sekwestru kontra l-attur odjern fl-ammont ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) u dan “in kawtela ta’ dejn dovut dedott fl-Avviz 606/2003 fil-kawza fl-ismijiet premessi”.

Illi in segwitu saret Cedola ta’ Depozitu fil-5 ta’ Lulju, 2004 numru 983/04 li permezz tieghu s-sekwestratarji cjoe’ Louis Cini f’ismu proprju u f’isem il-kumpanija C. Cini & Sons Limited, iddepozitaw is-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) dovuta lil John Cini u dan a tenur ta’ l-Artikolu 379 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) moghtija fit-22 ta’ Marzu, 2006 (Avviz 606/03) fl-ismijiet Carmelo Cini Vs John Cini, in konferma tas-sentenza li nghatat fil-prim’ istanza, giet michuda t-talba hemm kontenuta ta’ Carmelo Cini.

Illi Carmelo Cini huwa missier John Mary Cini u ghandu zewg subien ohra li jisimhom Louis u Joseph u dawn it-tlett subien kienu qeghdin f’negozjati sabiex jigu ttrasferiti l-ishma taghhom fil-kumpanija C. Cini & Sons Limited. Dak iz-zmien, missierhom Carmelo Cini, kien qed jivvanta certu pretenzjonijiet u sabiex ma jithassarx in-negozju, John Mary Cini ghamillu offerta ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) ghas-saldu, izda ghalkemm saret skrittura ta’ transazzjoni fuq din l-iskrittura kien hemm il-firma ta’ Dr Simon Tortell li allegatament kien qed jidher ghan-nom ta’ John Mary Cini, effettivament il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li fil-mument li tali avukat kien qed jiffirma din l-iskrittura ma kellux l-awtorizzazzjoni debita u konsegwentement il-Qorti ma qisitx li tali skrittura kellha valur u effett u b’rizultat ta’ dan, il-pretenzjonijiet ta’ Carmelo Cini kontra ibnu gew michuda.

In segwitu ghal din is-sentenza sar Kontro-Mandat fil-31 ta’ Mejju, 2006 fuq talba ta’ l-istess Carmelo Cini liema Kontro-Mandat gie akkordat fil-31 ta’ Mejju, 2006 izda ghal xi raguni l-attur ircieva l-flus xhur wara u cjoe’ fil-21 ta’ Novembru, 2006 u meta rcevihom huwa pprezenta Ittra Ufficjali fil-11 ta’ Dicembru, 2006 fejn qed jitlob l-ammont mitlub fl-Avviz odjern.

Huwa qed jitlob kumpens ekwivalenti ghall-interessi bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq hamest elef lira Maltin (Lm5,000) ghall-perjodu bejn meta saret ic-Cedola ta' Depozitu sakemm huwa thallas.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi min ikun qed jipprezenta kawza ghandu kull dritt illi kontestwalment jew fil-kors ta' l-istess proceduri li jipprezenta Mandati kawtelatorji in sostenn tat-tezi tieghu u jekk il-parti l-ohra thoss li dan il-Mandat m'ghandux isehh ghaliex ma jissodisfax ir-rekwiziti tal-ligi, huwa ghandu r-rimedji kif stipulati fl-Artikolu 836 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili.  Jidher car illi l-attur odjern ma segwix tali procedura u stenna li l-kawza fuq imsemmija tigi deciza qabel ma jipprezenta l-proceduri odjerna.

Mill-banda l-ohra pero' ghalkemm huwa koncess illi min ghandu talba ghandu dritt jikkawtelha, mill-banda l-ohra hadd m'ghandu jabbuza mill-proceduri legali u mill-Mandati kawtelatorji ghall-skopijiet vessattivi u vendikattivi fuq bazi ta' pretenzjonijiet efimeri u inezistenti.

Wiehed irid izomm bilanc bejn dawk il-kazijiet fejn verament ikun hemm pretenzjoni anki fuq bazi ta' *prima facie* u dawk il-kazijiet fejn il-pretenzjoni tant tkun evidentement vessatorja illi jkun jidher car illi min ikun qed jaghmilha, jkun qed jaghmilha esklussivament sabiex jivvessa u mhux ghax ghandu xi pretenzjoni vera fuqhiex jaghmilha.

Meta dan it-Tribunal ezamina l-atti kollha ta' din il-kawza, huwa deherlu illi meta Carmelo Cini pprezenta l-imsemmija azzjoni, huwa kien qieghed jistrieh fuq skrittura privata, li, skond kif kien jifhimha hu, min iffirma ghan-nom ta' John Mary Cini kien debitament hekk awtorizzat.  Ma ngabu l-ebda provi f'dawn l-atti biex juru illi f'xi mument Carmelo Cini kien qed jipprezenta l-imsemmija azzjoni ghall-skopijiet vessatorji.  Jidher car illi d-determinazzjoni tal-kawza fuq imsemmija rrivolgiet kwazi esklussivament fuq ezami fattwali u legali ta' l-effett guridiku o meno tal-firma ta' l-imsemmi avukat fuq l-iskrittura ta' transazzjoni.

Minn imkien mid-dokumenti esebiti u mill-atti tal-kawza ma jirrizulta illi qabel ma Carmelo Cini pprezenta l-Avviz kontra John Mary Cini, li dan ta' l-ewwel gie nfurmat bid-difett allegat fl-imsemmija skrittura u li kien ghalhekk qed jagixxi in malafede. Ghalhekk it-Tribunal ikollu jattribwixxi l-buona fede lill-istess Carmelo Cini billi, kif kemm-il darba gie deciz, il-malafede qatt ma tista' tigi prezunta.

Illi galadarba Carmelo Cini agixxa in buona fede, dan it-Tribunal isibha ferm difficli biex isib lill-istess Carmelo Cini responsabbli ghal danni sofferti minn John Mary Cini b'rizultat ta' 'l fuq imsemmi Mandat ta' Sekwestru. It-Tribunal huwa tal-fehma illi tali danni jkunu biss dovuta jekk min ikun ipprospetta tali Mandat ikun qed jagixxi in malafede u li tali malafede tkun evidenti. Fil-kaz odjern ma jirrizultax minn imkien li kien hemm dan l-element ta' malafede da parti ta' Carmelo Cini u konsegwentement it-talba attrici kif dedotta ma tisthoqqx li tigi akkolta.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz pero', minkejja l-fatt li t-talba attrici sejra tigi michuda, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt b'dan illi minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------